MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 1348/2005

**John u Doris konjugi Muscat**
**(I.D. 423651M u 304753M)**

**Vs**

**Meridian Enterprises Company Limited**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-atturi talbu li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata tirrifondihom is-somma ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) li huma hallsu bhala depozitu fuq karozza li huma kienu ordnaw u li ma gietx ikkonsenjata lilhom kif miftiehem u fit-terminu pattwit.

Ra r-Risposta tas-socjeta’ konvenuta li biha wiegbet illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-vettura in kwistjoni ma gietx ikkonsenjata mis-socjeta’ konvenuta wara li kienu l-istess atturi li kkancellaw l-ordni.

Sema’ x-xhieda ta’ John Muscat, Anthony Cassar u ta’ Vincent Sladden.

Ra d-dokumenti esebiti.

Sema’ t-trattazzjoni ta’ Dr Angelo Farrugia ghall-atturi u ta’ Dr Jesmond Manicaro ghas-socjeta’ konvenuta.

Ra n-Nota pprezentata mis-socjeta’ konvenuta fis-7 ta’ Dicembru, 2005.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi f’Settembru 2004 l-attur kien ordna karozza Hyundai minghand is-socjeta’ konvenuta li ghandha valur ta’ tnax-il elf u hames mitt lira Maltin (Lm12,500) u dakinhar li ghamel l-ordni hallas depozitu ta’ hames mitt lira Maltin (Lm500).

Il-karozza kellha tasal wara xi tlett xhur, izda f’Dicembru ma kienetx waslet u l-attur gie nfurmat li aktarx din tasal f’Jannar u l-attur accetta li jistenna.

Gara illi aktar tard l-attur kellu problemi personali fil-familja li minhabba fihom ried jikkancella l-ordni in kwistjoni u fil-fatt meta huwa gie mgharraf li l-vettura waslet Malta, huwa avza lis-salesman li ma riedx jiehu l-karozza minhabba tali raguni li huwa anki ndika lill-istess salesman. Huwa anki kiteb u qabbad avukat biex jikteb lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallsu r-*refund*, izda t-talba tieghu ma gietx milqugha.

Fuq l-ircevuta li nghatat lill-attur meta hallas id-depozitu hemm miktub “deposit is strictly non-refundable” izda ma gie ffirmat l-ebda kuntratt bejn il-partijiet. Il-*forfeiture* tad-depozitu o meno ma gie bl-ebda mod diskuss bejn il-partijiet fil-hin li sar id-depozitu.

Depozitu jibqa' proprjeta' ta' min jaghmlu u ma jintilifx awtomatikament. Sabiex jintilef irid ikun hemm ftehim espress. F'dan il-kaz dan il-punt ma giex diskuss u ghalhekk ma jistax jinghad li kien hemm ftehim espress. Lanqas ma jista' jinghad li kien hemm ftehim tacitu u dan billi ma ntweriex lit-Tribunal li xi hadd gibed l-attenzjoni ta' l-attur ghal tali klawsola u li wara dan m'ghamel xejn. Anzi jirrizulta li wara li sar jaf bil-klawsola, l-attur baqa' jinsisti ghar-rifuzjoni – agir li jeskludi accettazzjoni tacita.

It-Tribunal jidhirlu illi s-socjeta' konvenuta ma tistax unilateralment timponi kundizzjoni permezz ta' *nota bene* fuq l-ircevuta u tippretendi li tali *nota bene* tkun kundizzjoni ghall-ftehim li jkun gja' milhuq mill-partijiet. Jekk ikun hemm kundizzjoni simili din ghandha tigi debitament negozjata u miftiehma mill-partijiet u accettata.

Id-depozitu thallas akkont tal-prezz u galadarba kien hemm ftehim fuq l-oggett u l-prezz, kulma kien jonqos huwa l-konsenja u l-hlas tal-bilanc.

Meta l-attur ikkancella l-ftehim, is-socjeta' konvenuta accettat tali kancellazzjoni purche' li hija zzomm il-hames mitt lira Maltin (Lm500) gja' mhallsa.

It-Tribunal mhux qed jinjora l-fatt li l-karozza li giet ordnata mill-attur hija ta' certu valur u li minhabba l-kancellazzjoni da parti ta' l-attur, is-socjeta' konvenuta tkun dahlet fi spiza kapitali sostanzjali u li jista' jkun hemm certu zmien sakemm is-socjeta' konvenuta terga' ssib il-bejgh ta' l-istess vettura.

Izda f'dan il-kaz ma jidhirx li kien hemm xi pregudizzju serju tant illi l-karozza nbieghet seba' gimghat wara u cjoe' madwar tlett xhur qabel il-prezentata ta' din il-kawza.

Illi ghalhekk, anki fuq bazi ta' ekwita', t-Tribunal huwa tal-fehma li s-socjeta' konvenuta ghandha tirrifondi d-depozitu kollu.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talba ta’ l-atturi u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lill-atturi s-somma ta’ hames mitt lira Maltin (Lm500) bl-interessi mid-data tan-notifika ta’ l-Avviz u bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------